MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 116/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5333) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Victor Gruppetta abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Victor Gruppetta (973745M)**

**vs**

**Jonathan Calleja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmenin lira Maltija (Lm780) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Victor Gruppetta assigurat tas-socjeta` attrici Middlesea Insurance p.l.c. u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630.00), is-socjeta` attrici Middlesea Insurance plc, u kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00)**

**l-istess Victor Gruppetta in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Novembru, 2003 gewwa Dragonara Road, San Giljan, bejn il-vettura propjeta` ta' l-attur Victor Gruppetta, bin-numru ta' registrazzjoni VIK-317 u l-vettura misjuqa mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAC-852, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperzja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' marzu, 2004 u tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz, flimkien ma' dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` Elmo Insurance Limited, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tirbunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630.00), mija u lill-konvenut Victor Gruppetta s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) bl-imghax legali mill-25 ta' Marzu, 2004.**

**l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu, 2004 u tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz, flimkien ma' dawk ta' l-ittra ufficjali prezentat kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` Elmo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------